TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal Ghal Talbiet tal-Konsumatur**

Mario Cini

vs

Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd

CCT 115/20/MM

Illum, 1 ta' Frar 2022

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-2 ta' Settembru 2020 fejn talab is-somma ta' disgħa mija mija u tmenin Ewro (€ 980), rappreżentanti prezz ta' ħsarat u servizzi oħra li hu kellu jinkorri wara li l-vettura li huwa xtara u t-trasport mill-Ingilterra ġewwa Malta sofriet ħsarat.

Ra r-risposta tal-intimat pprezentata fis-16 ta' Ottubru 2020, fejn ikkontesta t-talba billi eċċepixxa illi dan it-Tribunal ma għandux ġurisdizzjoni minħabba li ma teżistix relazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrenti u l-intimata, filwaqt li kkontesta t-talba fil-mertu.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi l-każ odjern jittratta dwar trasport ta' vettura mixtrija mir-rikorrenti mill-Ingilterra lejn Malta. Illi mal-wasla tagħha Malta din il-vettura kienet ġarrbet tant ħsara li ma setgħatx tinstaq u għalhekk ir-rikorrenti jikkwantifika ammont ta' spejjeż li huwa kellu jinkorri fosthom towing, spraying ta' bumper, tiswija lix-xaft u valur ta' spare key.

Ikkunsidra

L-eċċezzjoni tal-ġurisdizzjoni

Illi s-soċjeta' intimata tissolleva eċċezzjoni fis-sens illi hija ssostni li dan it-Tribunal ma għandux konjizzjoni tal-każ odjern stante illi ma teżisti l-ebda relazzjoni kontrattwali bejn ir-rikorrenti u s-socjeta intimata. Di fatti hija ssostni li kien Favett Transport li kien ingaġġjat mir-rikorrenti, b'dan illi hija tikkwota mill-*Convention on the Contract for the International Carriage of Goods by Road* (CMR) artiklu 3, senjatament:

'*For the purposes of this Convention the carrier shall be responsible for the acts of omissions of his agents and servants and of any other persons of whose services he makes use for the performance of the carriage, when such agents, servants or other persons are acting within the scope of their employment, as if such acts or omissions were his own.*'

Illi tajjeb jiġi osservat li minkejja li s-soċjeta' intimata tisħaq li hija m'għandha l-ebda relazzjoni mar-rikorrenti, madanakollu, hija fl-ebda mument ma ġabet prova li kienet Favet Transport is-soċjeta' li magħha ttransatta r-rikorrenti, di fatti prova li din tal-aħħar għamlet *subcontracting* lill-intimata ma ngabietx.

Kuntrarjament, il-prova li nġabet fl-atti kien riċevuta ta' Euro 850 maħruġa mis-soċjeta' intimata nnifisha '*for transport of Mercedes Benz*' datata 13 ta' Lulju 2020.

Naturalment, dan ma jfissirx li għax hemm riċevuta li tikkonferma li sar pagament mingħand ir-rikorrenti ifisser awtomatikament li l-eċċezzjoni li qed tqajjem is-socjeta intima hija awtomatikament eskluza pero fin-nuqquas ta' prova jew evidenza ta' subcontracting jew xorta oħra ma hemmx raguni għaliex dan it-Tribunal m'għandux jistrieħ fuq dak sostnut mir-rikorrenti

Illi għalhekk, l-ewwel eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu

Illi l-ilmenti tar-rikorrenti kien diversi, primarjament illi l-vettura sofriet ħsarat tant li kellu jħallas għat-towing (tqaċċat ix-xaft tal-karozza), il-bumper kien milqut kif ukoll ġiet mitlufa l-ispare key tal-karozza

Bhala stat ta' fatt ġie stabbilit illi s-soċjeta' intimata daħlet fix-xena minn meta l-vettura instaqset minn Reading l'quddiem.

Meta wieħed jarbel il-provi jirriżulta illi min-naħa waħda hemm dokument MC 1 li hija l-ittra mingħand Lee Morphy personlament li qed jgħid li ċ-ċavetta kienet hemm, min-naħa l-oħra, is-soċjeta' intimata qegħda tikkontradixxi dan mingħajr pero' ma tispjega il-għaliex jew iġġib provi kuntrarji. Hekk wieħed jagħti eżempju, is-soċjeta' intimata tonqos milli tipprovdi kopja ta' xi check list qabel ma l-vettura telqet minn Reading u mal-wasla f'Genova tal-istat, kundizzjoni u l-kontenut tal-oġġett trasportat mal-wasla f'Genova u fost provi oħra.

Is-soċjeta intimata tisħaq li għandhom japplikaw it-termini u l-kundizzjonijiet tagħha. Targument wkoll li l-liġi applikabbli hija il-Kap 486 tal-Ligijiet ta' Malta li jinkorpora l-Konvenzzjoni CMR ġja ċitata. Madankollu, skont l-istess Konvenzjoni, senjatament l-artikoli 4 et seq, dawn it-termini u l-kundizzjonijiet kellhom jiġu annessi mal-*consignment note* liema prova ma nġabitx mil-intimata. Għalhekk dan it-Tribunal ma jsibx raġuni għaliex m'għandux isib nuqqas da parti tas-socjeta intimata.

B'referenza għall-provi, Morphy jsostni li huwa saq il-karozza minn Luton sa Reading '*with absolutely no issue*' filwaqt li s-socjeta intimata tikkonferma fin-nota tagħha li huma ġabru l-karozza minn Reading. Wieħed jistenna li qabel jaċċetta konsenja jagħmel verifika u spezzjoni tal-prodott li jirċievi u dan dment li l-prodott ma jkunx ippakjat u f' dak il-każ jiġi aċċettat *tale quale*.

Illi jekk verament li kien hemm difetti viżibbli fuq il-body tal-vettura, u jekk il-karozza saħansitra ma kienetx tinstaq u jkollhom jinġiebu inġenji sabiex tiġi mgħobbija, wieħed kien jistenna notament ta' dan kollu. Fin-nuqqas it-Tribunal raġonevlament jikkonkludi li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u l-karozza minn Reading telqet tajba mingħajr dawn id-difetti.

Għalhekk fiċ-ċirkustanzi, it-Tribunal iqis illi t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata u għandha tiġi milqugħa.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi dan l-avviż, għar-raġunijiet fuq spjegati billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' Euro 980.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-intimata.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru